TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Nicola Micallef

vs

Caruana & Cini

CCT G7/MS

22 ta' Settembru 2017

It-Tribunal,

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fit-13 ta' Lulu 2016 fejn talbu l-azjenda konvenuta tirrifondilhom is-somma ta' €749.00 wara xiri ta' magna ta' hasil, liema magna allegatment ma kenitx qed tiffunzjona sew.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata tal-11 ta' Awwissu 2016, fejn il-pretensjonijiet tal-atturi gew ikkontestati u cahdet li l-magna tal-hasil seta' kellu xi difetti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi fit-8 ta' Lulju 2014, ir-rikorrentii xtrat minghand l-azjenda konvenuta Bosch washing machine ghall-prezz ta' €675.00. Din il-washing machine giet installata fl-14 ta' Novembru 2014. Ir-rikorrenti tghid illi l-istruzzjonijiet kienu bit-Taljan u ghalhekk hadet spjegazzjoniet minghand is-salesman kif tahdem il-magna tal-hasil. Sussegwentement giet moghtija struzzjonijiet bl-Ingliz li gew ezebiti f'dawn l-atti. L-ilment principali tar-rikorrenti kien li din il-magna kienet tbiddel il-hin waqt cicklu ta' hasla b'tali mod illi dehrilha illi l-hasla kienet ddum wisq, b'hafna hela ta' ilma. Minkejja illi gew diversi teknici biex jezaminaw din il-magna dawn ma setghu jaraw l-ebda diffett fil-funzjoni tal-magna u dan il-bdil fic-ciklu kien process awtomatiku biex tirregola l-hasla skond il-piz u t-tip ta' materjal li jkun qed jigi mahsul dak il-hin. Kien hemm ukoll korrispondenza skambjata bejn il-partijiet.

Ikkunsidra

Illi minn ezami akkurat mill-provi migjuba, tidher lampanti in-nuqqas ta' prova jew rapport ta' tekniku li din il-magna tal-hasil mhijiex qed tiffunzjona tajjeb. It-Tribunal jifhem li ladarba r-

rikorrenti ma kienux kuntenti bis-servizz li kienet qed toffri s-socjeta' intimata, kellhom jirrikorru ghand tekniku independenti sabiex jipproduci rapport dwar il-hsara o meno li kellha din il-magna. Dan ma sarx u ovvjament dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda prova hlief ix-xhieda guramentata tar-rikorrenti illi l-magna mhux qed tiffunzjona tajjeb u kif trid hi. Kontra dan, hemm ix-xhieda ukoll guramentata tar-rapprezentant tas-socjeta' intimata illi ghal darbtjen baghat it-teknici ghand ir-rikorrenti u dawn ma sabu xejn hazin b'din il-magna. Di piu' l-istruzzjonijiet bl-Ingliz ezebiti juru bic-car illi l-ilment tar-rikorrenti ma kienx diffett izda sistema eletronnika sabiex tikkontrolla l-hasil (Vide Faults and what to do abot them, fol 22).

Jidher illi kien hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni effettiva bejn il-partijiet. Li riedet r-rikorrenti kien washing machine bit-timer. Kif spjega r-rapprezentant tas-socjeta' intimata, din hija sistema antikwata u washing machines moderni ma jkunux moghnija b'timer kif ippretendiet ir-rikorrenti. Minflok ikollhom sistema komputerizzata jew eletronikka biex awtomatikament tikontrolla l-hasla li jkollha dak lil-hin. Jidher illi dan ir-rikorrenti ma setghetx tifhmu u baqghet tinsisti li l-magna kellha xi haga hazina mentri fil-fatt ma kellha xejn.

Di piu, it-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti qieghda titob l-ammont ta' €749.00, mentri skond id-dokumenti ezebiti minnha stess, il-washing machine inxtrat bl-ammont ta' €675. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi hija taghti spjegazzjoni tat-talba taghha u taghti rendikont kif wasslet ghal dik il-cifra. Minn dan kollu pero, ma ghamlet xejn.

Jibqa' l-fatt pero illi n-nuqqas principali tar-rikorrenti huwa n-nuqqas ta' provi anke fil-grad ta' probabbilta' illi l-washing machine kienet diffettuza. Min-naha s-socjeta' intimata bil-provi u dokumenti ezebiti rnexxilhom jippruvaw fi grad ta' probabbilta' illi l-washing machine ma kellha xejn hazin, izda r-rikorrenti ma kenitx qed tifhem sew il-parti teknika tal-magna. Evidentement la r-rikorrenti ppretendiet washing machine bit-timer u dan ma giex moghti lilha ma setghetx tifhem ghaliex il-washing machine kienet qed tidher li tahdem ghal rasha u mhux kif reditha hi u dan gieghla tahseb illi l-washing machine kienet diffettuza.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad t-talba tar-rikorrenti. Bl-ispjjes kontra taghha.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**